MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1325/2003/1

**Citadel Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Ian Attard Portughes u l-istess Ian Attard Portughes**

**vs**

**Joseph Mary Mintoff**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Frar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u tlieta u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1063.73) rapprezentanti danni kagunati

f'incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Ottubru 2002 fi Triq Gdida fi Triq San Gwakkin Qormi, Mriehel bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBD 548 misjuqa minn Joseph Mary Mintoff u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni PDC 008, propjeta' ta' Ian Attard Portughes u asssikurata mal-kumpanija attrici, liema ncident gara unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u ghall-liema ncident kien jahti unikament il-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' kull att kawtelatorju precedenti u tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2003 u ta' dikipprezentata kontestwalment mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ma jahtix ghall-incident de quo, liema ncident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-attur Ian Attard Portughes.
2. Illi fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess l-atturi jehtigilhom jippruvaw id-danni allegatament sofferti minnhom stante li l-istess huma kontestati.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla, Ian Attard Portughes,, ta' PS1101 Victor Aquilina u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tan-noti ta' referenzi esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Ottubru 2002, fl Triq Gdida fi Triq San Gwakkin, l-Imriehel bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni PDC 008 misjuqa minn Ian Attard Portughes u assikurata taht polza tat-tip 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u l-forklifter bin-numru tar-registrazzjoni JBD 548 misuq mill-konvenut. Ian Atttard Portughes kien hiereg minn triq laterali li taghti ghal fuq is-service road li hi parallella ma' Mriehel By-Pass filwaqt li l-konvenut kien qed jipprocedi f'din is-service road. Ian Attard Portughes xehed li huwa waqaf fil-kantuniera hdejn is-showroom tal-Honda, huwa ra lill-konvenut gej min-naha tax-xellug tieghu qed jipprocedi fis-service road, huwa paqpallu l-horn ghaliex ra li ma kienx induna bih, izda inutilemnt ghaliex il-konvenut baqa' diehel fil-vettura tieghu bil-frieket tal-lifter.

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li huwa kien qed jipprocedi fis-service road meta hariglu Ian Attard Portughes mit-triq laterali u saret il-habta. Il-konvenut isostni li kien qed isuq lejn nofs it-triq u jichad li kien aljenat immedjatament qabel ma sehh l-impatt.

Is-socjeta' attrici tiritjeni li l-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident peress li huwa kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u ghalhekk baqa' diehel fil-vettura tal-asssikurat taghha liema vettura kienet wieqfa filwaqt lil-konvenut isostni li s-sewwieq assikurat mas-socjeta' attrici ghandu jitqies unikament responsabbli ghaliex ma segwiex id-doveri ta' sewwieq hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali. Il-konvenut ghamel referenza ghall diversi sentenzi kemm tal-Qorti tal-Appell kif ukoll tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili inkwantu jirrigwarda l-accertamenti li jrid jaghmel sewwieq li jkun hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali kif ukoll in kwantu jirrigwarda vetturi gejjin *wrong side* minn fuq triq principali li jahbtu ma' vettura hierga minn triq laterali.

Bir-rispett kollu dovut lill-abbli difensur tal-konvenut it-Tribunal ma jirritjeniex li l-gurisprudenza li ghamel referenza ghaliha l-konvenut fin-nota ta' referenzi tieghu hija appliakbbli ghal kaz odjern u dan ghas-semplici fatt li s-sentenzi citati kollha jirrigwardaw sewwieq hiereg minn

triq laterali u iehor qed jipprocedi fit-ttriq pricipali. Fil-kaz odjern il-konvenut ma kienx qed jipprocedi fit-triq principali izda *f'service road* parallella mat-triq principali. It-Tribunal huwa tal-fehma li sewwieq li qed jipprocedi *f'service road* qatt ma jista' jitqies li ghandu l-istess drittijiet ta' sewwieq li jkun qed isuq fi triq principali. Fir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Marzu 1993 fil-kawza fl-ismijiet *'Anthony Savona nomine vs David Collect' (Avviz Numru 1385/92MM)* fejn il-Qorti stabbiliet li min ikun qed jipprocedi ghad-dritt fis-*service road* u jaqsam triq laterali li tisporgi ghal fuq l-istess *service road* ma jiistghax jahgmel hekk b'impunita' – *"Jinkombi fuqu wkoll il-masssimu ta' pprudenza u ghandu jieqaf fit-tarf u jesplora t-Triq Geronimo Aboss (it-triq laterali f'dak il-kaz) qabel ma jaqsamha u jkompli fi triqtu".* Is-sewwieq li jkun qed jipprocedi fis-*service road* ghandu l-obbligu li jieqaf u jesplora t-triq fl-inkrocju daqs kemm ghandu s-sewweiq li jkun hiereg mit-triq laterali li tisporgi ghal fuq is-*service road*. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti qalet ukoll li *"f'dan l-inkrocju hadd ma ghandu drittijiet jew precedenzi u s-sewwieqa ghandhom jieqfu u jesploraw sew it-toroq qabel ma jkomplu fit-triq taghhom".*

Fl-kaz odjern is-socjeta' attrici ssostni li s-sewweiq li kien qed isuq il-vettura assikurata maghha kien wieqaf qed jesplora t-triq qabel ma sehh l-impatt izda jekk wiehed jezamina r-*Road Accident Report* ( a fol. 47 et seq.) isib li l-verzjoni li ta Ian Portughes 'a temppo vergine' kienet kemmxejn differenti mill-verzjoni li ta meta xehed quddiem dan it-Tribunal. Minn dan ir-rapport fil-fatt jirrizulta li 'a tempo vergine' Attard Portughes qal hekk:-

*"Kont gej fi Triq San Gwakkin gewwa l-Imriehel minn mal-genb tax-showroom Zammit Group of Companies (Honda), waqaft fil-kantuniera ghax rajt il-fork lifter gej. Bdejt indoqq il-horn peress li x-xufier ma kienx qed ihares, izda baqa' diehel fuqi".*

It-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni mogjtija 'a tempo vergine' hija aktar verosimili stante li kif gie ribadit diversi drabi din il-verzjoni moghtija immedjatament wara li jsehh l-incident tkun tiriifletti dak li verament gara ghaliex is-sewwieq ma

jkun tkellem ma hadd u ma jkollux cans ivarja l-verzjoni kif l-aktar jaqbel lilu fic-cirkostanzi. Jidher ghalhekk li Ian Attard Portughes kien diga’’ beda hiereg ghal fuq is-*service road* u waqaf biss ghaliex ra il-*forklifter* gej. Il-posizzzjoni tal-vettura ta’ Attard Portughes kif riportata fl-isksizz fil-fatt hija sporguta aktar il-barra mill-kantuniera tat-triq laterali li kiwn hiereg minnha u mill-vetturi li hemm prkeggjati man-naha tax-xellug taghha. Dan ifisser li Attard Portughes kien sporga ghal fuq it-riq principali minghajr ma zamm *a proper lookout* kif kien tenut li jaghmel qabel ma jiiibda jisporgi ghal fuq is-*service road*. Kif intqal aktar il-fuq, huwa waqaf biss malli ra l-vettura tal-konvenut gejja lejh u dan meta kien diga rifes fuq is-*service road*. Attard Portughes jipprova jiggustifika l-fatt li huwa sporga ghal fuq it-triq principali billi jghid li huwa bifors kellu jaghmel hekk sabiex ikollu vizwali ahjar minhabba l-vetturi li kien hemm parkehggjati man-naha tax-xellug tieghu. It-Tribunal jidhirlu li l-isplay li hemm fit-tarf tat-triq li kien hiereg minnha Attard Portughes qeda’ hemm apposta sabiex tippermetti lis-sewweiqa hiergin minn dik it-triq vizwali ahjar tat-traffiku li jkun qed jipprocedi fuq is-*service road* u li Attard Portughes ma kellux ghalfejn jirfes ghal fuq is-*service road* biex ikollu vizwali ahjar.

Fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident odjern it-tnejn ikkontribwew ghall-akkadut u f’porzjonijiet indaqs u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Ian Attard Portughes ghaliex ittenta jibda hierg ghal fuq is-*service road* minghajr ma zamm *a proper lookout* ghat-traffiku li kien qed jipprocedi fl-imsemmija *service road*.
2. Il-konvenut ghaliex ma waqafx fl-inkrocju kif kien tenut li jaghmel u ghaliexx kien qed isuq parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq kif jidher evidenti mill-iskizz. Rigwardanti l-fatt li l-konvenut kien qed isuq parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq irid jinghad li s-*service road* in kwistjoni tidher li hija pjuttost dejqa u inoltre l-vetturi parkeggjati komplew jillimitaw il-parti karreggjabbli tat-triq.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi producew l-ircevuti relattivi ghad-danni minnhom reklamatii liema danni huma kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident. Id-danni reklamati mill-atturi jammontaw ghas-somma ta' Lm1063.73 u in vista tal-fatt li il-konvenut qed jigi akkollat ghall-50% tar-responsabilita' ghall-incident de quo huwa ser jigi kkundannat ihallas lill-atturi nofs dan l-ammont u cioe' is-somma ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm531.86),

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm531.86) u jikundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm531.86), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas efffettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut."

Din is-sentenza ma ghogbot lill-ebda wiehed mill-kontendenti u dawn talbu r-revoka taghha in bazi ghall-kontenzjoni illi, fil-fehma taghhom, il-htija ghas-sinistru kellu jkun unikament tal-kontroparti *in lite*. Hekk fl-appell principali taghha s-socjeta` assiguratrici attrici u l-assigurat taghha, l-attur Ian Attard Portughes, jissottomettu illi t-tort kien kollu tal-konvenut li kien aljenat u baqa' ghaddej, nonostante li gie senjalat lilu l-presenza tal-precitat attur bid-daqq tal-horn. Minn naha tieghu, b' appell incidentali, il-konvenut, invece, jinsisti illi una volta ma kellhiex issir distinzjoni bejn utent ta' *service road* u toroq ohra ghal dak li jirrigwarda r-regola ta' precedenza, gjaladarba hu kellu dan id-dritt ta' precedenza, ghall-incident kellu jwiegeb kompletament is-sewwieq l-iehor;

Jibda biex jigi osservat illi f’ materja ta’ kollizjoni l-Qorti spiss drabi tigi msejha biex tinvesti jekk il-habta sehhitx unikament bi htija ta’ xi wiehed mis-sewwieqa jew bil-kolpa taz-zewg konducenti involuti. Hu wisq naturali illi biex tasal biex tistabbilixxi din il-htija l-Qorti jehtiegilha tezamina fil-kaz partikolari l-imgieba tas-sewwieqa fil-mument prossimu ghall-incident, jekk kienx hemm ksur tar-regolamenti u tapprezza ukoll dawk il-fatturi l-ohra kollha kontingenti; *ad exemplum*, ix-xorta u l-konfigurazzjoni tat-triq jew tat-toroq, kompriz f’ dan il-wesgha karregibbli taghha u jekk din l-istess wesgha kellhiex titnaqqas minhabba parkegg ta’ vetturi ohra;

Indubitament, il-valutazzjoni l-aktar fundamentali tibqa’ dejjem dik li jigu analizzati d-doveri taz-zewg konducenti u jekk dawn gewx osservati minnhom. Primarjament, l-osservanza tad-debita diligenza (“*due care*”) li, kif drabi ohra rilevat, “hi rikjesta indistintament mill-utenti kollha ta’ kull xorta ta’ triq u hu dmir ta’ l-utenti kollha li jzommu dejjem ‘*look out*” sew biex jevitaw li jinvestu utenti ohra” (**Kollez. Vol. L P I p 296**);

Apparti din l-osservazzjoni ta’ indoli generali, hi l-fehma wkoll ta’ din il-Qorti, illi hadd ma hu dispensat milli jadopera fis-sewqan tieghu din id-debita diligenza. Dan maggorment, imbaghad, f’ inkrocju ma’ triq ohra, kif hekk inhu l-kaz prezenti. L-attur Ian Attard Portughes kellu certament id-dover li jesplora tajjeb it-triq li ried jidhol fiha, specjalment jekk il-vizwali tieghu tkun ostakolata minhabba parkegg ta’ vetturi. Huwa kellu qabel xejn jaccerta ruhu li seta’ johrog ghal fuq triq ohra bla hsara u mhux jinonda dik it-triq, anke jekk minimament, b’ mod brusk jew inaspettat. Minn naha l-ohra l-konvenut kien mistenni li jzomm max-xellug tat-triq, kif jippreskrivu r-regolamenti. Huwa veru li l-fatt li kien qed isuq fuq il-*crown of the road* minflok fuq ix-xellug tat-triq mhux necessarjament u awtomatikament jaghmlu responsabbli ghall-kollizjoni jekk jinstab li l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghaliha. (**Kollez. Vol. XLVII P II p 966; Vol. XXXVII P**

**IV p 1137**). Jibqa' dejjem pero` obbligatorju u nkombenti fuqu, f' kaz bhal dan, li juza l-massima kawtela, specjalment meta jkollu taht il-kontroll tieghu veikolu ta' certu daqs, u mhux jaqbad u johrog minghajr prudenza, bl-iskuza ta' xi precedenza, kontra l-ligi u, aktar u aktar, kontra l-bonsens tas-sewqan;

Fuq il-preponderanza attendibbli tal-provi u l-istess karattru ta' l-iskontru, it-tribunal sab, fil-kaz in ispecje, illi z-zewg konducenti kienu responsabbli u apporzjona din l-istess responsabilita` bejniethom. Wara li rriflettiet hafna fuq dan il-kaz din il-Qorti ssib li l-konkluzjoni tirrizulta li hi ben motivata u bazata fuq ezami korrett ta' dawk l-elementi saljenti ta' fatt li jemergu mir-rizultanzi istruttorji. Il-kawza prossima u immedjata li pprovokat l-incident kienet dovuta ghan-nuqqas taz-zewg *drivers* li ma zammewx *proper look out* b' mod li l-istess incident u l-konsegwenzi tieghu setghu jigu evitati. Ikun ghal kollox superfluwu li din il-Qorti toqghod tirrepeti l-istess ragunijiet li fuqhom it-Tribunal iffonda l-parti deciziva tas-sentenza u, a skans ta' ripetizzjoni, taghmilhom taghha;

Tista' biss izzid dawn l-osservazzjonijiet agguntivi b' risposta ghal xi ilmenti taz-zewg kontendenti fl-appell rispettiv taghhom:-

(1) Kif jinsab deciz, "il-fatt li *driver* idoqq il-horn ma jaghtihx speci ta' brevett ta' immunita` ghal kull imprudenza li joghgbu jikkommetti, kontestwalment jew wara d-daqq tal-horn" ("**Il-Pulizija -vs- Alfred Brincat**", Appell Kriminali, 10 ta' Awissu 1963). Tali senjalazzjoni ma kienetx certament tezenta lix-xufier Ian Attard Portughes minn kwalunkwe mizura prekawzjonali ohra precedenti, senjatament l-obbligu li jzomm *proper look out* u ma johrogx ghal fuq it-triq minn inkorcju bil-mod kif hareg u meta l-vizwali tieghu kienet ridotta;

(2) Anke kieku din il-Qorti kellha taccetta s-sottomissjoni tal-konvenut illi s-*service road* li fiha kien ghaddej ghandha titqies ekwiparata ghal triq principali jew

*main road*, l-istess jinsab ritenut illi “il-*main road user* m’ ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta’ immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f’ kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*.” (“**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**”, Appell Civili, 19 ta’ Awissu 1996);

(3) Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti wkoll ma ssibx x’ ticensura fil-mod kif ir-responsabilita` giet spartita. Apparti li tali spartizzjoni hi mhollija, ex-Artikolu 1051, Kodici Civili, fid-diskrezzjoni tat-tribunal li jkun, jinsab precizat ukoll illi “*the decision of the Judge of first instance in such matter should not be lightly interfered with by an Appellate Court. Apportionment, as was said by the House of Lords in the Macgregor (1943) A. C. 197, involves an individual choice or discretion as to which there may be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases*.” (**Kollez. Vol. XLIV P I p 366**).

Ghal motivi kollha suddetti din il-Qorti qed tichad kemm l-appell principali interpost mill-atturi appellanti, kif ukoll l-appell incidentali sottomess mill-konvenut, u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez gudizzjarji ta’ l-appell taghhom mentri dawk ta’ l-appell incidentali jibqghu sopportabbli mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------